**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

**Talba Nru: 271/2018 PM1**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Talisa Grima (K.I. 225797(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju, elfejn u tmintax (2018) illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, tliet mija u sitta u sebghin Ewro u disgha u sebghin centezmi (€1376.79) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular fuq it-tariffa 'Voice' bil-kont numru 1.11016601 fuq talba u a beneficcju tal-intimata u dana kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha giet annessa u mmarkata Dok. X1, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz, inkluza il-fattura mahruga mis-socjeta` attrici lill-konvenuta (Dok. X1) u l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono (Dok X2).

Ra r-risposta tal-istess konvenuta datata disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu, elfejn u dsatax (2019) li permezz taghha eccepit illi:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-esponenti qatt ma ghamlet jew iffirmat ftehim mas-socjeta` attrici sabiex tigi provduta s-servizzi rezi mis-socjeta` attrici. Il-konvenuta fil-fatt qatt ma ghamlet uzu min-numru indikat fil-fattura ossija "99816108" u l-ewwel darba li qatt semghat bih kien f'dawn il-proceduri.
2. Illi l-konvenuta ghandha suspett li terza persuna partikulari uzat id-dettalji taghha u/jew iffalsifikat id-dettakji taghha, inkluz falsifikazzjoni tal-firma taghha sabiex tibbenefika mis-servizzi tas-socjeta` attrici. Il-konveuta ghadha mhix f'posizzjoni biex immedjatament titlob il-kjamat in kawza ta' din il-persuna u ghaldaqstant qed tirrizerva li taghmel din it-talba f'stadju ulterjuri.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici datata sitta (6) ta' Mejju, elfejn u dsatax (2019) li permezz taghha giet prezentata kopja tal-*customer agreement*.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici datata tnax (12) ta' Gunju, elfejn u dsatax (2019) li permezz taghha giet prezentata x-xhieda ta' Elaine Stagno Navarra b'dokumenti annessi.

Ra li waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Gunju, elfejn u dsatax (2019) is-socjeta` attrici ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci u li l-kawza baqghet differita ghall-provi tal-konvenuta.

Ra li minkejja li l-kawza baqghet differita ghall-provi kollha tal-konvenuta, kontro-ezamijiet relattivi u trattazzjoni finali ghas-6 ta' Novembru, 2019 f'tali seduta l-konvenuta ma dehritx u r-rapprezentant legali taghha iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-patrocinju tal-istess.

Ra illi l-kawza giet konsegwentement differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-affidavit tieghu Dr. Jeremy Debono ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici ikkonferma li l-konvenuta hija debitrici tal-istess socjeta` fis-somma mitluba. Huwa qal ukoll li s-socjeta` attrici giet kostreta illi tintavola l-azzjoni odjerna peress li l-konvenuta baqghet inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-has.

Illi huwa minnu li l-konvenuta wiegbet ghat-talba odjerna billi kkontendiet illi hija qatt ma ffirmat ebda ftehim mas-socjeta` attrici u sahansitra ikkontendiet li terzi persuni setghu fil-fatt iffalsifikaw id-dettalji u wkoll il-firma taghha sabiex jibbenefikaw mis-servizzi tas-socjeta` attrici. Hija tghid li qatt m'ghamlet uzu min-numru 99816108 u l-ewwel darba li semghet bih kien proprju f'dawn il-proceduri.

Illi madanakollu s-socjeta` attrici prezentat kopja tal-*customer agreement* li jidher sottoskritt mill-istess konvenuta u wkoll li jinkludi dettaji taghha inkluzi n-numru tal-karta tal-identita` taghha (li jaqbel ma' dak indikat fl-avviz tat-talba) u l-*email* taghha. Tali ftehim jirreferi proprju ghall-uzu tan-numru 99816108. Giet prezentata wkoll id-*Directory Services Consent Form* ukoll apparentement sottoskritta mill-konvenuta u li tindika hemmhekk ukoll id-dettalji taghha ai fini tad-direttorju tat-telefon (fol 26 et. seq. tal-process). Tramite l-affidavit ta' Elaine Stagno Navarra s-socjeta` attrici tipprovdi wkoll aktar dettalji fir-rigward tar-relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuta, senjatament li tali ftehim gie konkluz fl-*outlet* tas-socjeta` attrici gewwa Paola, li l-konvenuta ma reditx thallas permezz ta' *standing order* u li, bhala parti ta' tali ftehim il-konvenuta hadet ukoll *mobile* b'xejn. Jinghad ukoll li, meta l-konvenuta bdiet ittella' kontijiet aktar gholjin mit-tariffa miftiehma u minghajr ma thallas, is-socjeta` attrici baghtet ukoll twissija kemm b'SMS kif ukoll b'*email* fl-indirizz indikat mill-istess konvenuta fil-ftehim taghha. Minkejja dan hija baqghet inadempjenti.

Illi, kif inghad hawn fuq, huwa minnu li l-konvenuta tipprova tikkontendi li hija qatt ma ffirmat ebda ftehim mas-socjeta` attrici u li sahansitra xi hadd kien iffalsifika l-firma u adopera d-dettalji taghha sabiex ikun jista' jibbenfika mis-servizzi tas-socjeta` attrici. Madanakollu l-konvenuta, minkejja diversi opportunitajiet moghtija lilha mit-Tribunal,

baqghet qatt ma ressqet provi a sostenn ta' dak allegat minnha jew provi ohrajn li jikkontradicu b'xi mod dak ikkonfermat mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici. B'zieda ma' dan it-Tribunal isib li, tenut kont tas-serjeta` tal-allegazzjonijiet maghmulin mill-istess konvenuta, kien jinkombi fuqha illi mhux biss tressaq provi a sostenn ta' dak allegat minnha permezz tar-risposta taghha imma wkoll li tirraporta minnufih lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex dawn jinvestigaw debitament il-kaz u jiddeterminaw min kien li ffalsika l-firma taghha u utilizza ddettalji taghha sabiex jottjeni s-servizzi tas-socjeta` attrici – dejjem jekk dak allegat minnha tassew huwa minnu. Ma rrizultax li l-konvenuta hadet xi azzjoni f'dan is-sens anke wara li giet notifikata b'dawn il-proceduri u fuq kollox lanqas ma resqet sabiex tixhed f'dawn il-proceduri u tikkonferma hija stess bil-gurament taghha l-allegazzjonijiet, oltre s-suspetti, taghha.

Tenut kont tas-surreferit it-Tribunal m'ghandux ghazla hlief li jikkunsidra t-talba attrici bhala debitament pruvata. Fir-rigward tal-imghaxijiet dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data illi fiha l-konvenuta tat ruhha notifikat b'dawn il-proceduri ossija mit-13 ta' Marzu, elfejn u dsatax (2019).

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf, tliet mija u sitta u sebghin Ewro u disgha u sebghin centezmi (€1376.79) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular fuq it-tariffa 'Voice' bil-kont numru 1.11016601, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-13 ta' Marzu, elfejn u dsatax (2019) sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.A. (Melit) M.Phil.**

**Gudikatur**